

32002R2381

31.12.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 358/119

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2381/2002

tat-30 ta' Diċembru 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2342/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella rigward skemi ta' premium

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2345/2001 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-*premium* ta' baqra li tredda', l-Artikolu 29a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2342/1999 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1830/2002 ⁽⁴⁾, jistabbilixxi regola għall-irradunar tan-numru ta' annimali għall-bżonnijiet ta' kalkulazzjoni tan-numru minimu u massimu ta' għoġġiela espressi bħala persentaġġ. L-applikazzjoni ta' din ir-regola tippenalizza l-produtturi soġġetti għall-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 kif applikata fl-2003. Sabiex ikun assigurat trattament ugwali tal-produtturi kollha, għalhekk, l-applikazzjoni ta' din ir-regola matul dan il-perijodu għandha tkun iċċarata sabiex ikun iffissat in-numru ta' għoġġiela fejn l-applikazzjoni tal-*premium* tinvolvi numru ugwali għal żewġ annimali.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2342/1999 għandu għalhekk ikun emendat kif ġej.

- (3) Il-miżuri pprovduti għalihom f'dan ir-Regolament huma in konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam taċ-ċanga u l-Laħam tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-paragrafu segwenti huwa miżjud ma' l-Artikolu 29a tar-Regolament (KE) Nru 2342/1999.

“Waqt li l-ewwel paragrafu jittieħed in konsiderazzjoni, għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti pprovduti għalihom fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999 fl-2003, fejn applikazzjoni ta' *premium* tinvolvi numru ugwali għal żewġ annimali n-numru ta' għoġġiela li jistgħu jibbenefikaw mill-*premium* għandu jkun iffissat għal għoġġol wieħed.”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 281, ta' l-4.11.1999, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU L 277, tal-15.10.2002, p. 15.